## KUNSILL LOKALI ISLA

## IL-ĦAMES KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU TMIENJA

Il-laqgħa tal-Kunsill li kellha ssir nhar il-Ġimgħa 22 ta' Lulju, 2005 fis-6.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill f'numru 197, Triq San Ġużepp, Isla.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier |
| Skużata: | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |

### AĠENDA

(1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Mistoqsijiet.
(4) Mozzjonijiet.
(5) Summer Club Gardjola.
(6) Local Warden Agreement.
(7) Ambjent.

## 8 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li bi żvista tħalla barra l-fehma tas-Sindku Joseph Casha fejn stqarr li l-Viċi Sindku għandhu jitħallas għaż-żmien li għamilha ta' Sindku waqt li huwa u s-Sindku kienu msiefrin.

Il-Viċi Sindku Walter Ahar irrejaġixxa billi stqarr li huwa qed jirrinunzja kull ħlas dovut lilu għal dak li semma' s-Sindku.

8(1).1 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, ippropona li l-minuti jiġu approvati kif ippreżentati. Dawn ġew approvati nem. con.

8(1).2 *Arising Matters*

- Isla Street Festival ser jiġi trasferit mill-5 u s-6 ta' Awwissu għas-26 u s-27 ta' Awwissu, 2005.
- Il-laqgħa mas-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Queen's Own Band Club ser issir nhar l-Erbgħa 27 ta' Lulju, 2005.

## 8 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

8 (2).1 Kumitat Konġunt LES ( 14/07/05)

Saret laqgħa bejn is-Sindki kollha rappreżentanti f'dan il-Kumitat. Ġie diskuss li l-Cooperation Agreement u l-intenzjoni tal-Pooling f'dan il-Kumitat.

Dan ser jiġl diskuss f'item (6) aktar l-isfel.

8 (2).2 MQuip – Triq il-Kappillan Franġisk Azzopardi (20/07/05)

Saret spezzjoni tat-triq għax hem mil-possibilta' li din it-triq issir b'ċangaturi żgħar.

Il-Kunsill bi ħsiebu jgħaddi din il-quotation lill-Gvern bil-għan li din it-triq issir minnhu.

8 (2).3 Problema fid-drenaġġ – 62, Triq il-Vitorja (21/07/05)

Flimkien mal-kuntrattur Pada builders is-Sindku għamel site inspection. Il-kuntrattur ser jagħmel ix-xogħol għas-spejjeż tiegħu.

8 (2).4 Żjara f'Cassino bejn is-7 u t-13 ta' Lulju, 2005

Is-Sindku stqarr li huwa kien għal żjara privata f'Cassino fejn huwa kellhu taħditiet u kuntatti mas-Sindku ta' Cassino biex ikompli jsaħħaħ il-ġemellaġġ li hemm bejn iż-żewġt ibliet, dawk ta' l-Isla u Cassino.

8 (2).5 Kumpless tal-Maċina

Is-Sindku qara ittra li ntbagħtet lill-konsorzju nkarigat dwar l-istat ħażin li tinsab fih il-Maċina u dwar l-abbużi li qed isiru fiha. Kopja ta' din l-ittra ntbagħtet lill-Ministru ta' l-Intern u l-Ġustizzja u lill-Kummissarju tal-Pulizija. (Kopja mehmuża mal-Minuti).

8 (2).6 Sotto Kumitat Turiżmu, wirt Storiku, Ambjent, Gwardjani Lokali u Traffiku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill lid an is-Sotto Kumitat bagħat il-Mintu tal-laqgħa li żamm nhar it-Tlieta 12 ta' Lulju, 2005. (Kopja mehmuża mal-Minuti).

## 8 (2).7 Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn l-4 u t-22 ta' Lulju, 2005 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/1639/05/I* *Proġett Archimed*
*04/1728/05/I*

Il-Kunsillġie mistieden biex jieħu sehem f'dan il-proġett.

*04/1644/05/I* *Walled Towns Symposium (2207-2009)*

Il-Kunsill ġie mistieden mill-Kunsill ta' Victoria, Għawdex biex jattendi għal dan is-symposium li ser jiġl organiżżat f'Malta.

*04/1650/05/I* *Outreach fil-Komunita' (FES)*

Din il-Fondazzjoni bagħtet il-programm ta' dan il-proġett li ser jittella' kull nhar ta' Ġimgħa.

*04/1653/05/I* *Proġett INTI – EU Network Project*

Dan il-proġett mifrux fuq sentejn jiffoka fuq il-problema ta' l-immigranti llegali fil-pajjiżi parteċipanti.

Il-Kunsill ġie mistieden biex jissieħeb f'dan il-proġett flimkien ma' bliet oħra bħal Bedford / Sevilla / Sweden / Sardinia u l-Belgium.

Għalkemm il-Kunsill kien qed jaqbel fil-prinċipju ma' setgħax jaċċetta li jieħu sehem minħabba l-ispejjeż kbar involuti.

*04/1633/05/I* *Konferenza Nazzjonali mill-FES*

Il-Kunsill ġie mistieden jibgħat erba' persuni mis-Sotto Kumitat edukazzjoni għal din il-konferenza bit-tema "Writing to learn, Writing to Teach" li ser issir fl-Iskola Primarja Tommaso Dingli H'Attard.

*04/1667/05/I* *Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali (Ċirkulari 37/2005)*

Din l-Assoċjazzjoni tablet tagħrif dwar toroq asfaltati fil-lokal mill-1 ta'Jannar, 2005.

*04/1669/05/I* *Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali – Bring In sites*

L-Assoċjazzjoni kitbet lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar it-tnaqqis inġust ta' Lm 1, 500 mill-allokazzjoni lil dawk il-Kunsilli li ma' kienux skond il-ftehim milħuq.

*04/1719/05/I* *Waste Serve Ltd dwar Bring in sites*

Din il-kumpanija li hija nkarigata mill-proġett bring in site bagħtet proposti ta' fejn jistgħu Jsiru dawn il-bins, dan wara li kienet saret site inspection. Ġew proposti dawn il-postijiet : Triq Is-Sur, Triq l-Arkati, Misraħ Ġorġ Mitrovich, Faċċata ta' Triq San Mikiel. (Rapport dettaljat mehmuż ma' dawn il-Minuti).

*04/1730/05/I* *Aġenzija Appoġġ – Proġett Home Start*

Din l-aġenzija stiednet lill-Kunsill biex jinnomina persuna jekk jista' jkun ġenitur biex iservi fuq dan il-Kumitat.

*04/1732/05/I* *Talba mill-Familja Williams*

Il-Kunsill ġie mistiedn mill-familja Williams biex jipparteċipa fil-Quddies ta' Radd il-Ħajr għas-saċerdozju ta' binhom nhar it-13 ta' Awwissu, 2005.

Din il-familja talbet ukoll biex tuża il-Gardjola kif ukoll il-Pjazza ta' quddiem il-Gardjola għal riċeviment li ser isir f'dan il-ġnien. Il-Kunsill approva di nit-talba.

*04/1735/05/I* *Użu tas-Sala tal-Kunsill (21/08/05)*

Il-Kunsill approva t-talba ta' l-Għaqda Sajjieda Dilettanti u Barklori biex jagħmlu użu mis-Sala tal-Kunsill għal-laqgħa ġenerali tagħhom.

*04/1750/05/I* *Trasferiment ta' Personnel (Alfred Fiteni)*

Kalaxlokk Ltd infurmat lill-Kunsill li wieħed mill-ħaddiema tagħha misluf lill-Kunsill ġie trasferit lura d-Dockyard. (Minfloku ġie s-Sur Mario Grima mill-IPSL).

*04/1756/05/I* *Proġett URBACT*

Il-Kunsill ġie mitlub mill-Kunsill tal-Belt li huwa l-leader tal-proġett biex il-Kunsill jagħti l-opinjoni tiegħu dwar dan il-proġett.

*04/1758/05/I* *Proġett Town Twinning*

Il-Kunsill ġie mgħarraf mill-Kummissjoni ewropeja li t-tweġiba għat-talba tal-Kunsill biex jagħmeld an il-proġett fl-Isla bejn is-7 u l-10 ta' Ottubru, 2005 ser tittieħed qabel l-1 ta' Settembru, 2005.

*04/1761/05/I* *Gallarija perikoluża fi Triq San Mikiel*

Id-Dipartiment tal-Bini u Tiswija tad-Djar approva t-talba tal-Kunsill biex il-periklu li hemm f'din il-gallarija jitneħħa billi jsiru t-tiswijiet meħtieġa.

*04/1773/05/I* *Westlake Films – Filming f'Dock Numru 1*
*04/1790/05/I*

Kif kien miftiehem mal-Kunsill, il-Westlake films infurmat lill-Kunsill li kienu ser jagħmlu użu mill-parking ta' ħdejn il-Maċina bejn it-28 u l-31 ta' Lulju, 2005.

*04/1785/05/I* *Skema ta' Xogħol u Taħriġ ta' l-ETC*

Il-Kunsill ser jikseb aktar dettalji dwar din l-iskema ta' xogħol u taħriġ mifruxa fuq 25 ġimgħa u li l-ETC tħallas nofs il-paga.

*Senglea Athletics Youth Nursery*

Il-Kunsill approva t-talba biex tiġi organiżżata "End of Season Event" fi Ġnien il-Gardjola minn din l-Għaqda nhar il-Ġimgħa 12 ta' Awwissu, 2005 mis-7.30pm il-quddiem.

*Misraħ Andrea Debono, Isla*

Il-Kunsill ġie nfurmat mid-Direttur tal-Bini u Tiswija tad-Djar, il-Perit Anton Camilleri, li t-talba li għamel il-Kunsill biex dan il-Misraħ jiġi msebbaħ għas-spejjeż tad-Dipartiment wara li jkun sar ix-xogħol ta' bini meħtieġ f'dan il-Misraħ, ġiet aċċettata. (Kopja mehmuża).

*Użu tas-Sala tal-Kunsill*

Il-Kunsill approva t-talba tal-familja Grima biex tagħmel użu minn din is-Sala għal riċeviment ta' birthday.

*Talba għal Kors ta' Diploma Librerija*

Il-Kunsill ikkunsidra t-talba tas-Sinjura Graziella Cassar Gellel biex jiffinanzjala Kors għal Dipaloma fl-Universita' ta' Malta matul is-sentejn li ġejjin.

Għalkemm il-Kunsill kien qed jaqbel fil-prinċipju għax jemmen fit-taħriġ tal-personnel qabel jieħu deċiżjoni finali jrid jistħarreġ il-finanzji nvoluti.

*Riżenja fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sinjura Elizabeth Grech li bħal-issa tokkupa l-kariga ta' skrivana full time fl-uffiċċjut al-Kunsill bagħtet ir-riżenja tagħha b'effett mill-1 ta' Novembru, 2005. Dan minħabba li issa ser tifforma familja.

Kontra qalb kulħadd il-Kunsill approva din ir-riżenja u awgura lis-Sinjura Elizabeth Grech l-isbaħ xewqat, hena u saħħa għaż-żmien li ġej.

Il-Kunsill awtorizża lis-Segretarju Eżekuttiv biex jibda l-proċeduri u joħroġ call for application ħalli dan il-post vakat jiġi mimli malajr kemm jista' jkun.

## 8 (3) Mistoqsijiet

Ma' kienx hemm mistiqsijiet ippreżentati.

## 8 (4) Mozzjonijiet

Ma' kienx hemm mozzjonijiet ippreżentati.

## 8 (5) Summer Club Gardjola

Il-Kunsill qabel mal-proposta li l-egħluq ta' dan il-proġett isir b'serata speċjali u riċeviment fi Ġnien il-Gardjola nhar it-Tnejn 8 ta' Awwissu, 2005 fis-7.30pm.

8(5).1 Il-Kunsill qabel li fil-laqgħa li ġejja iressaq riżoluzzjoni biex jivvota mhux aktar minn Lm 370 biex ikopri l-ispejjeż ta' din is-serata.

## 8 (6) Local Warden Agreement

Dan il-ftehim ser jagħlaq fil-25 ta' Lulju, 2005 kif ukoll il-kuntratt għas-Servizz tal-Wardens. Hemm possibilta' li r-rati jgħolew bejn 10 u 15 %. Guard & Warden Service House Ltd li bħalissa għandhom il-kuntratt mhux interessat li jġedded jew li japplika mill-ġdid.

8 (6).1 Jidher li l- Kunsilli l-kbar huma kontra li jsir Pooling għax kif huwa l-ftehim issa huma qed jibbenefikaw sewwa finanzjarjament. Bid-dħul tal-pooling il-Kunsilli żgħar (bħall-Isla) f'dan il-Kumitat jiġu aġevolati.

8 (6).2 Hemm żewġ proposti li l-Kunsill irid jikkunsidra qabel jiddeċiedi jekk jaċċettax il-pooling jew le.

8 (6).3 ***Proposta Numru 1.***

Spejjeż kollha li jkun hemm, tat-Tribunal jitqassmu proportion skond in-numru ta' Kontravenzjonijiet li jkollu kull Kunsill ; b'hekk l-ispejjeż tal-kunsill jinqasmu. Imma xorta nistgħu nispiċċaw b'telf fl-aħħar tas-sena. Management ta' toroq hija f'idejn il-Kunsill.

8 (6).4 *Proposta Numru 2*

It-tieni proposta hija kollox eżatt bħal ta' l-ewwel li l-ispejjeż tat-Tribunal jinqasmu, il-profitt li jibqa jinqasam ugwalment bejn il-Kunsilli b'premessa li l-Kumitat Konġunt jaddatta fejn taħdem is-sistema tal-Gwardjani Lokali.

8 (6).5 Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li l-Kunsill jibqa fis-sistema fuq bażi ta' proposta numru 2 pero' bil-kundizzjoni li jkollu l-awtorita' ta' fejn imorru l-wardens. Jekk dan ma' jiġix aċċettat allura l-għażla alternattiva hija proposta Numru 1.

*Nota : Il-Kunsillier Charmaine Gerada ħalliet il-laqgħa tal-Kunsill fit-8.10pm.*

## 8 (7) Xogħlijiet madwar l-Isla

Il-Kunsill approva lista ta' xogħol li hemm bżonn isir madwar l-Isla. (Kopja mehmuża)

## 8 (8) Ambjent

Il-kunsill ħass il-bżonn li jkompli jaħdem ħalli jżied l-indafa u jkollu ambjent aktar b'saħħtu fl-Isla.

8 (8).1 Il-Kunsill qed ifittex li jkollu litter bins adattati għal-lokal ta' l-Isla. Min stħarriġ li sar jidher li dawk li hemm fis-suq huma għojin ħafna u ma' jaqblux mal-lokal.

8 (8).2 Ġie propost li jsir kuntatt ma' Cassino fl-Italja, l-belt ġemellata ma' l-Isla biex tiġi mistħarrġa l-possibilta' li jinġiebu litter bins minn hemm fuq speċifikazzjonijiet tal-Kunsill.

## 8 (9) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti

Fuq proposta tal-Kunsillier Reno Chircop issekondata mill-Kunsillier Louis Henwood il-Kunsill approva l-ħlas ta' pagamenti li jammontaw għas-somma ta' Lm 6, 218.72ċ.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmgħet fid-9.35pm.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________ ________________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv